# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2000**

Citazzjoni Numru 32/00G1(MM)

Valhmor Borg Import Export Limited

-vs-

Joseph Muscat

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' elf hames mija u seba' liri Maltin (Lm1,507) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilu fornuti u konsenjati mis-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut gie interpellat ghall-hlas bilancjali baqa' inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet attrici.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-171 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannah ihallas l-ammont bilancjali komplessiv ta' elf hames mija u seba' liri Maltin

(Lm1507) flimkien ma' l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju 1998 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici ikkonfermata bil-gurament mill-P.L. Victor Bugeja.

Rat ukoll l-affidavit ta' l-istess P.L. Victor Bugeja minnu kkonfermat bil-gurament.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'din ic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tat-28 ta' Frar 2000, illi naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddiciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' elf hames mija u seba' liri Maltin (Lm1,507);

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma indikata ta' elf hames mija u seba' liri Maltin (Lm1,507) bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur